MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 943/2002

**Domenic Department Stores Limited.**

**-vs-**

**Conrad Pace.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Awissu, 2002 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l'lodo datat tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002), it-Tribunal Industrijali, iddecieda illi s-socjeta' attrici tterminat l-impjieg tal-konvenut mhux ghal raguni giusta u konsegwentement giet kundannata thallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500) in linea ta' kumpens (Dok. A).

Illi s-socjeta’ attrici ma kelliex il-fakolta li tipproducu ix-xhieda taghha u di fatti l-kwistjoni tax-xoghol giet deciza unikament fuq ix-xhieda tal-konvenut.

Illi l-istess Tribunal Industrijali naqas li jhares li jsir haqq skond il-merti sostanti tal-kaz migjub quddiem u dan b’harsien tar-regoli tal-gustizzja naturali.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. tiddikjara li d-decizjoni moghtija fit-tnejn (2) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) mit-Tribunal Industrijali fil-kwistjoni tax-xoghol numru 1536 bejn il-kontendenti hija nulla u bla effett stante li l-istess Onorabbli Tribunal Industrijali naqas li jottempera ruhu mal-proceduri u principji stabbiliti tal-Ligi.

2. Tirrevoka konsegwentement l-istess decizjoni datata tnejn (2) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) numru 1287 moghtija mit-Tribunal Industrijali fil-kwistjoni tax-xoghol numru 1536 bejn l-odjerni kontendenti.

Bl-ispejjes.

Il-konvenut mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigi ngunt.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Norman Gusman, I.D 658948(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fil-31 ta’ Ottubru, 2003 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi t-talba attrici hija infondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li d-Decizjoni tat-Tribunal Industriali numru 1287 moghtija fit-2 ta’ Mejju 2003, fil-kwistjoni tax-xoghol numru 1536 bejn il-kontendenti odjerni ma hija affetta mill-ebda zbalji proceduri, jew legalment zbaljata li jirrenduha invalida.

2. B’rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta ta’ l-10 ta’ Ottubru, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta’ attrici qed jattakkaw decizjoni tat-Tribunal Industrijali li nghatat favur il-konvenut fis-7 ta’ Mejju, 2002. L-istess socjeta’ attrici tterminat l-impjieg tal-konvenut li ressaq il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali illi akkordalu s-somma ta’ elf u hames mitt Lira Maltin, (Lm1,500) bhala kumpens wara li sab li t-terminazzjoni kienet ingusta izda hass li ma kellux jordna re-integrazzjoni tal-impjieg.

Is-socjeta’ attrici qed isostnu li t-Tribunal ma kellux jiddeciedi kif fil-fatt iddecieda minhabba li skond huma ghaliex l-istess; *socjeta’ attrici ma kellhiex il-fakolta’ li tipproduci x-xhieda taghha u difatti l-kwistjoni tax-xoghol giet deciza unikament fuq xhieda tal-konvenut.* Allura skond is-socjeta’ attrici t-Tribunal *naqas li jhares li jsir il-haqq skond il-merti sostanti tal-kaz migjub quddiemu u dan b’harsien tar-regoli tal-gustizzja naturali.*

Naturalment il-kwistjoni principali f’din il-kawza hija jekk il-Qrati hekk imsejjha ordinarji ghandhomx kompetenza li jiddecidu dwar proceduri li gia’ gew decizi mit-Tribunal. Din il-Qorti kif preseduta ricentement (fl-4 ta’ Mejju, 2004) fil-kawza fl-ismijiet <u>Constantino Consiglio vs Air Supplies and Catering Company Limited</u> kellha okkazzjoni tikkumenta fit-tul dwar din il-kwistjoni. Ghalkemm il-kawza msemmija kienet tirrigwardja l-procedura li ghandha tigi mibdija f’kaz ta’ tkeccija meta din tkun giet ordnata minn Bord ta’ Dixxiplina, certi principji li kellhom jigu decizi huma simili ghal dawk li jridu jigu decizi fil-kawza odjerna.

Fis-sentenza Sea Services Limited vs Paul Aquilina et deciza fit-12 ta' Dicembru, 2001 din il-Qorti kkumentat hekk;

*Kif inghad fis-sentenza Joseph Micallef vs Stivala Distributors Limited (P.A 14 ta' Frar, 2001) fi kwistjonijiet ta' tkeccija ngusta mill-impjieg din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni u ma tista tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal Industrijali u dan iktar u iktar fid-dawl tal-Artikolu 31 tal-Kapitolu 266 fejn l-istess tribunal ghandu fil-procedura tieghu jizgura illi ssir gustizzja skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u bla hsara tar-regoli tal-gustizzja naturali.*

*Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess is-sentenza John Holland et noe vs Julian Schembri (Appell Civili - 20 ta' Mejju, 1991) stabbilit il-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati limitatament ghar-ragunijiet segwenti;*

*Dn il-Qorti ghandha gurisdizzjoni limitata ghal meta t-Tribunal Industrijali tmur ultra vires u/jew meta ma tkunx assigurata li l-gustizzja ssir skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u li tkun saret bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza kontra xi ligi miktuba jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg.*

*Ta' l-istess portata hija s-sentenza Reno Alamango vs Mary Rose Ciantar (Appell Civili 29 ta' Mejju, 1991) ... fis sentenza Montalto vs Clews (PA 26 ta' Mejju, 1987) jinghad illi;*

*Mis-suespost titnissel necessarjament il-konkluzjoni illi l-gurisdizzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija dupplici. F'dawn iz-zewg vesti l-Qorti ghandha l-gurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi skond il-ligi u josserva l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti ghandha d-dritt li tissindika meta tkun hekk giet mitluba u adita li t-Tribunal agixxa fil-limiti tal-ligi illi in forza taghha hu kostitwit. Evidentement imbaghad ghandha s-setgha li tara li t-tribunal bl-ebda mod ma kiser xi wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-*

*bniedem (vide Borg D' anastasi vs Decesare et Vol LXIII-iii-753 u Vella Gatt vs Cassar PA 24 ta' Marzu, 1997).*

Ghalhekk l-uniku kompetenza ta' dawn il-Qrati f'kazi ta' tkeccija ngusta huwa dak ta' *judicial review* – ara s-sentenzi Dottor Vincent Falzon noe vs Isabelle Grima Vol LXXVII-ii-292 u Privitera vs Bonello – 11 ta' Frar, 1993 fejn intqal li ghalkemm tribunal jista' jinghata b' ligi specjali, il-gurisidzzjoni esklussiva biex jiddecidi kazi specifici, il-Qrati ordinarji xorta huma kompetenti li jissindikaw l-operat tat-tribunal izda limitatament ghal dik li hija; a) eccess ta' gurisdizzjoni b) non-osservanza tal-istess ligi kostitwita u c) non-osservanza tal-principji naturali tal-gustizzja.

Sentenza mill-iktar dettaljata hija dik tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Dr Carmel Chircop vs Awtorita Marittima ta' Malta (5 ta' Ottubru, 2001) izda din kienet kawza tixbah hafna iktar lil dik gia' citata Consiglio vs Air Supplies milli dik odjerna.

Is-socjeta' attrici f'din il-kawza qed issostni kif gia' inghad illi t-Tribunal iddecieda minghajr ma ta possibilta' lis-socjeta' attrici tressaq il-provi. Madankollu meta wiehed jezamina l-provi jara li dan ma kienx il-kaz. Skond l-affidavit tad-direttur tas-socjeta' attrici Domenic Sultana (fol 30 tal-process) il-partijiet kienu qablu illi l-proceduri quddiem it-tribunal kellhom jistennew l-esitu tal-proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenut. Imbaghad l-istess Sultana jghid; *Minhabba dan il-ftehim jien ma kontx nattendi ghas-seduti biex nevitaw li noqghod nigi minn Ghawdex. Jien assumejt li s-seduti kienu ser jibqghu jigu differiti kif konna ftehmna. ... Minhabba li kienu ghadhom ghaddejjin il-proceduri kriminali u minhabba l-ftehim li kien hemm ma kontx qed ninkwieta fuq il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali.*

Ghalhekk dak li qed jilmenta minnu Sultana jew is-socjeta' attrici kollu kien tort taghhom stess. Ma kellhom ebda dritt ma jaghtux kaz il-proceduri quddiem it-tribunal u kellhom

dover isegwu l-istess proceduri anke jekk semplicement biex jiehdu

nota tal-verbali. Infatti fis-seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2002 (fol 57) it-Tribunal iddiferixxa l-kaz *ghall-Hamis 25 ta' April, 2002 fit-3.30 pm ghall-provi kollha tal-Kumpanija, b'dan li jekk dan ma taghmlux jinstemghu l-provi tal-appellant u jekk dan ma jaghmlux il-kaz jigi dikjarat abbandunat*. Fil-gurnata in kwistjoni mbaghad ma deher hadd mis-socjeta' attrici u lanqas id-difensuri taghha u xehed il-konvenut (fol 58). Allura t-tribunal halla l-kaz ghad-decizjoni, liema decizjoni nghatat fit-2 ta' Mejju, 2002.

Huwa car ghall-Qorti illi kienet it-traskuragni tas-socjeta' attrici li wasslet lit-Tribunal biex jibqa' ghaddej u jaghti d-decizjoni. Kieku l-istess socjeta' attrici segwiet il-verbali anke bl-iktar mod legger kienet tkun f'posizzjoni li tressaq il-provi taghha. Il-principju tal-audi alteram partem ifisser li kull parti jkollha opportunita' li tinstema' u tressaq il-provi taghha, haga li s-socjeta' attrici kellha kull opportunita' li taghmel u l-fatt li ma ghamlitx dan huwa mputabbli lilha nnifisha biss. Anke jekk fil-bidu tal-proceduri kien hemm l-intiza li l-ewwel jigi deciz il-kaz kriminali, xorta jibqa' l-fatt li ebda parti ma ghandha tassumi xejn fil-kaz li jkun pendenti quddiem kwalsiasi tribunal jew Qorti u ghandu dmir jivverifika l-andament tal-kawza.

**Il-Qorti ghalhekk tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talba tas-socjeta' attrici, bl-ispejjes kontra taghha.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------